MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 36 – AĠĠORNAMENT

IL-ĦAMIS 3 TA' NOVEMBRU 2011 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku A. Vassallo rreferiet għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-flats tal-Gvern. Hija rrappurtat li l-offerti sottomessi infetħu fil-preżenza tal-Kunsillieri E. Muscat u F. Roe kif ukoll ta' diversi offerenti. Hija qalet li l-Kumpanija Whitefrost għamlet protest mal-Kunsill peress li dawn qed isostnu li l-offerta tagħhom ma nstabitx ma l-offerti l-oħra.

Is-Sindku qrat rapport iddettaljat dwar dan il-każ. Dan ġie inizjalat mill-Kunsillieri preżenti u kopja tiegħu se tintbgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal azzjoni neċessarja minn naħa tagħhom.

i.i Is-Sindku nfurmat ukoll li hija rrappurtat dan il-każ lill-Awtorita' tad-Djar u nfurmat li tkellmet mal-Perita responsabbli mill-proġett dwar l-iskeda ta' l-offerti. Hija qalet li, peress li l-offerti kollha kienu iktar mill-budget allokat għal dawn ix-xogħlijiet, il-Kunsill għandu jagħmel sejħa mill-ġdid. Il-Kunsill qabel ma dan.

ii Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joħroġ sejħa għas-servizz ta' Operations Supervisor. Hija qalet li dan se jinkorpora fih is-servizz tal-contract manager kif ukoll dawk ix-xogħlijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma l-operat tal-Kunsill, nkluż l-ilmenti, dment li ma jkunux ta' natura teknika. Il-Kunsill qabel ma dan.

iii Il-Kunsill ġie nfurmat li qed isiru laqgħat regulari ma' rappreżentant tal-IPSL dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-Kunsill intalab iżomm record tax-xogħlijiet li dawn iwettqu. Il-Kunsillier F. Roe qal li issa huwa se jkun f'pożizzjoni aħjar biex matul il-ġurnata jikoordina magħhom dwar xogħlijiet li jkunu meħtieġa fil-Lokalita'.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proposta ta' l-Abakus dwar il-website ma tgħatix dritt lill-Kunsill li jkollu aċċess għaliha. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jagħmel website li tkun propjeta' ta' l-istess Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli…)

v Is-Sindku nfurmat li se ssir laqgħa ma l-Atlas Insurance dwar il-claim għad-danni kkawżati fil-ħitan u l-bibien minħabba l-problema fis-sistema tad-drenaġġ ta' appartamenti ġirien. Hija ppreżentat ukoll kwotazzjoni għal-bibien ta' l-uffiċini peress li mhux jingħalqu sew. Il-Kunsill approva. Is-Sindku qalet ukoll li nbdew xi xogħlijiet fuq il-ħitan tal-clinic u fil-kċina qed jiġi rranġat id-dawl u dalwaqt jitlesta x-xogħol tal-madum. Il-Kunsill qabel li 'l quddiem isiru l-cupboards ġodda.

vi Is-Sindku ppreżentat l-invoices tal-kuntrattur Twish għax-xhur April – Settembru 2011 li l-Contract Manager ma kienx iċċertifika. Hija ppreżentat ukoll invoices tal-kuntratturi l-oħra għax-xhur Settembru – Ottubru 2011 li ma jistgħux jiġu mħallsa jekk ma jiġux iċċertifikati. Il-Kunsillieri li dawn is-servizzi jaqgħu taħt id-dekasteru tagħhom iċċertifikaw ix-xogħlijiet.

vii Is-Sindku rreferiet għal-proġett tar-roundabout u nfurmat li l-Perit se jagħmel l-ispeċifikazzjonijiet għad-dawl dekorattiv u wara ssir sejħa għall-offerti.

viii Is-Sindku ppreżentat il-kwotazzjoni tal-Alberta biex tiġi nstallata "intruder alarm system". Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

viv Is-Sindku pproponiet li l-attivitajiet tal-Milied isiru f'dawn il-ġranet; l-ikla tal-Milied fis-7 ta' Diċembru u l-party ta' l-anzjani fit-12 ta' Diċembru. Hija pproponiet ukoll li l-Laqgħa tal-Lokalita' ssir fl-14 ta' Diċembru 2011 fis-7.00p.m. Il-Kunsillieri kollha qablu ma dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunsillier E. Muscat għamel stqarrija.

ii Il-Kunsillieri A. Cachia Castelletti, E. Muscat u F. Roe ippreżentaw lista ta' ilmenti u suġġerimenti.

iii Ġiet diskussa t-tabella bl-arma tal-Kunsill li hemm fi Triq il-Prinċipessa Margerita. Il-Kunsillieri F. Roe u E. Muscat ħadu l-inkarigu li jmorru on site u jaraw jekk hux possibbli li din tersaq fi Triq il-Kosbor.

IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-7.45pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2011 fil-5.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv